# LECTIO DIVINA

# It-Trinità Qaddisa

# (Sena Ċ)

### Ġw 16,12-15

kuntest

Is-silta tinsab fit-tieni diskursata li Ġesù kellu mad-dixxipli fejn hu jħeġġiġhom jibqgħu fl-imħabba u sħaħ fil-fidi mingħajr ma jsiru tad-dinja (ara 15,1-16,33). Is-suġġett prinċipali f'din is-silta tas-solennità tat-Trinità hija l-missjoni tal-Ispirtu s-Santu mibgħut mill-Missier permezz tal-Iben fuq id-dixxipli, bħala għalliem u gwida li jwassalhom biex jagħrfu l-verità sħiħa.

Id-dixxipli ser ikollhom jaffaċċjaw żewġ tipi ta' solitudni: dik tad-dinja "Id-dinja tobgħodkom... intom m'intomx tad-dinja... fid-dinja tbatu jkollkom" (ara Ġw 15,18-19.16,33 u Ġw 17) u s-solitudni (apparenti) għaliex Ġesù se jħalli d-dinja: "jaqblilkom li jiena mmur" (16,7).

Imma għal Ġesù, din hija s-siegħa li fiha, il-Missier ser jibgħat "Paraklitu (παράκλητος) ieħor" – l-Ispirtu s-Santu biex ikun ta' *konsolatur* u *difensur*; kemm f'din id-dinja (kontra d-dinja nfisha) u kemm fid-dinja l-oħra (kontra l-akkużatur). F'din is-siegħa, id-dixxiplu ta' Kristu jkun ħafna ttentat li jħares madwaru u fin-nuqqas fiżiku (apparenti) ta' Ġesù jinterpreta dan iż-żmien bħala wieħed fqir; għax mingħajr Alla.

Imma fil-fatt hu żmien qawwi għaliex il-Paraklitu, lil dawk li jemmnu ser jurihom biċ-ċar (ἐλέγχειν [v. 8] = jagħti l-evidenza, jikkonvinċi) il-veru dnub tad-dinja; in-nuqqas ta' twemmin (inkredulità – ἀπιστία) fil-persuna ta' Ġesù. 'Il-quddiem, ser ikompli jakkuża lill-akkużatur.

**“Baqagħli ħafna ħwejjeġ x’ngħidilkom, imma għalissa ma tifilħux għalihom.” (v. 12)**

Dan il-vers hu introduzzjoni għas-suġġett ċentrali ta’ din is-silta. Ġesù jkompli juri l-kapaċità tiegħu li jifhem, jempatizza u għalhekk jagħder dak li hu uman – solidarjetà mal-bniedem: “Mela meta aħna għandna l-qassis il-kbir, li hu tassew kbir, qassis li daħal fis-smewwiet, Ġesù Bin Alla, ħa nżommu l-fidi tagħna u nistqarruha. Għax aħna ma għandniex qassis il-kbir li ma jistax jagħder id-dgħufija tagħna, imma għandna wieħed li kien imġarrab bħalna f’kollox, minbarra d-dnub” (Lhud 6,14-15. Ara ukoll Lhud 5,1-2). Jaf sew il-bniedem sa fejn jiflaħ u sa fejn jista’ jasal.

Dan il-vers jiżviluppa ruħu fit-tliet versi ta’ wara (13.14.15); tliet versi paralleli li kull wieħed minnhom jitkellem fuq persuna partikulari tat-Trinità: l-Ispirtu, l-Iben u l-Missier.

**“Meta jiġi hu, l-Ispirtu tal-verità** (τὸ πνεῦμα τῆς ἀληθείας), **iwassalkom għall-verità kollha; għaliex hu ma jgħid xejn minn tiegħu, imma jgħid dak li jisma’ u jħabbrilkom il-ġejjieni. Hu jagħtini glorja, għaliex jieħu minn dak li hu tiegħi u jħabbru lilkom.” (vv. 13-14)**

X’inhuma “il-ħafna ħwejjeġ” (v. 12) u x’inhu “is-sewwa kollu” li l-Ispirtu se jwasslilhom?

Il-verità sħiħa fuq il-persuna ta’ Kristu; il-verità tal-Kelma tiegħu u tal-għemejjel imwettqa minnu; liema Kelma semgħuha ħafna nies, u li ħafna nies raw l-għemejjel, imma li mhux kulħadd emmen.

San Tumas f’dan il-kuntest jgħid li l-Ispirtu jwassal lil dawk li ġenwinament jixtiequ jaslu għall-verità biex: jagħrfu l-verità ta’ Alla, li l-Missier u l-Iben huma lkoll indaqs, jagħtihom il-kapaċità li jifhmu l-Iskrittura u jagħti l-għajnuna lill-komunità Nisranija għal waqt it-tbatija u l-provi tagħha.

“iwasslilkom il-verità kollha” (ἐν τῇ ἀληθείᾳ πάσῃ) hi li wieħed jidħol fil-qalb (qalba) tal-verità, i.e. mhux għarfien apparenti u superfiċjali. Lanqas mhu qed jirreferi għall-għarfien li ġa għamel xi ħadd ieħor, imma hu l-għarfien li tagħmel persuna fil-ħajja tagħha frott l-esperjenza persunali tagħha.

Bħalma meta kien fid-dinja, l-Iben ma għamel xejn minn rajh, imma għamel kollox f’għaqda perfetta mal-Missier, hekk ukoll l-Ispirtu s-Santu – f’kull żmien tal-Knisja – hu jaħdem f’għaqda sħiħa mal-Missier u mal-Iben (“Hu ma jgħid xejn minn tiegħu, imma minn dak li jisma’” f’v. 13ċ). Din ir-rieda waħda, sħiħa u perfetta li teżisti bejn dawn it-tliet persuni terġa’ toħroġ f’v. 15:

**“Dak kollu li għandu l-Missier huwa tiegħi. Għalhekk għedt li jieħu minn dak li hu tiegħi u jħabbru lilkom.” (v. 15)**

L-azzjoni tal-Ispirtu tibqa’ dejjem marbuta ma’ Kristu u mal-Missier. Dak li jgħaqqad flimkien lil dawn it-tlieta hu l-Imħabba perfetta: “Alla hu mħabba” (1 Ġw 4,8). L-imħabba murija lejn xulxin tinfetaħ għall-oħrajn: “jieħu minn dak li hu tiegħi u jħabbru lilkom”.

It-Trinità hi l-mudell (u ikona) ta’ kull familja u tal-komunità.